

COCCO.

*Profili Storiċi*

# DAVIDE COCCO PALMERI

## *L-Isqof li ħabb lill-Għawdxin 1632 - 1711*

*kitba ta' Dun Joe Bezzina*

Davide Cocco Palmeri, Isqof ta' Malta u Għawdex fl-aħħar snin tas-seklu sbatax u l-bidu tas-seklu tmintax, kien mingħajr l-iċken dubju wieħed mill-Isqfijiet li l-iktar ħabbew u nteressaw ruħhom mill-gżira ta' Għawdex. F'din is-sena 1988, Għawdex kien rikonoxxenti lejh u mhux biss issemmewlu diversi triqat, iżda r-ritratti tiegħu dehru wkoll stampati f'ħafna pubblikazzjonijiet:. Madankollu ftit li xejn qatt inkiteb dwar il-ħajja tiegħu u kien għalhekk bi pjaċir li aċċettajt din l-okkażżjoni biex nikteb xi ħaġa fil-qosor fuq ħajtu.

Dan it-tagħrif li qed jidher hawn hu ibbażat fuq tliet dokumenti importanti, jiġifieri:
(1) l-**Atti** tas-Sagra Kongregazzjoni Konċistorjali fl-Arkivju Sigriet Vatikan, magħmula fl-okkażżjoni tal-ħatra tiegħu bħala Isqof (ara ASV, SCC, **Acta** 23);
(2) il-**Proċess** tad-Datarija Apostolika fl-Arkivju Sigriet Vatikan, magħmul fl-istess okkażżjoni (ara ASV, DA, **Processi** 61 (1684); u
(3) bijografija qasira fuqu minn DIONISIO LA COSTA **Vita dell'Ill. mo e Reverendissimo Mons.re F. Davide Cocco Palmeri,** manuskritt fil-Librerija Nazzjonali ta' Malta (ara NLM, **Libr,** 21).

### Palmeri mhux Palmieri

Dwar dan l-Isqof li ħabb lil-Għawdxin, ma nkiteb kważi xejn. L-istess kunjomu kien jiktbu ħażin kważi kulħadd. Meta waqt li kont nikteb l-istorja tar-raħal ta' Sannat ġew f'idejja xi dokumenti tiegħu, innotajt li ismu jinkiteb dejjem Palmeri. Biex inkun ċert, waqt mawra tiegħi f'Ruma, mort iċċekkjajt kif tniżżel ismu fil-proċess li dejjem isir fl-okkażżjoni tal-ħatra ta' isqof. U sibt l-istess.

Insemmi ħaġa oħra. Nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar, 1988, jiem wara li ġejt minn Ruma, kont jien ukoll li nformajt b'dan lill-Kanonku Dun Anton Borg tan-Nadur biex jagħmlu attenzjoni li ismu jinkiteb sew fil-pubblikazzjonijiet kollha tagħhom.

### Żmien it-trobbija

DAVIDE COCCO PALMERI twieled f'Pesco-Costanzo nhar it-23 ta' Marzu, 1632, bin Giuseppe Cocco Palmeri u Giuseppa Ricciardelle, ġenituri nobbli u mill-aħjar. Fl-istess jum kien mgħammed fil-Parroċċa Matriċi ta' Santa Marija **de Colle** ta' pajjiż twelidu, minn Dun Gulju Grillo. Dan il-pajjiż jinsab fir-reġjun ta' l-Abruzzo, fl-Italja ċentrali, u kien jagħmel parti mill-artijiet li kienu taħt it-tmexxija spiritwali u ċivili ta' l-Abbati tal-famuża Abbażija ta' Monte Cassino.

Meta beda jitfarfar, igħarrafna Dun Dionisio La Costa, saċerdot Malti li għal żmien twil kien segretarju tiegħu, inxteħet għall-istudji. Beda jitħarreġ fil-grammatika, u studja l-lingwa Latina u Taljana, il-Letteratura u il-Filosofija. Wera għerf mhux tas-soltu u, mħeġġeġ u megħjun minn zijuh li kien qassis, daħal intern fl-Abbazija ta' Monte Cassino ħalli jkompli jipperfezzjona fl-istudji tiegħu. Hawnhekk kompla jitħarreġ fil-Filosofija u għamel ukoll il-kors tat-Teoloġija.

### L-ewwel xogħol ma' l-Ordni ta' San Ġwann

Kif temm il-kors ta' l-istudji tiegħu f'Monte Cassino, il-ġenituri qatgħuha li jibgħatuh fil-Belt ta' Napli biex jaħdem mal-Prijur Brancacci iż-Żgħir, Riċevitur tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Napli. Huwa għamilha ta' Segretarju tal-Prijur u tant qeda dmiru tajjeb li minn dak inhar il quddiem stħoqqlu l-protezzjoni u l-għajnuna tal-familja sinjura Brancacci.



Kien f'dan l-ewwel xogħol tiegħu li ż-żagħżugħ Davide sema' għall-ewwel darba bil-gżira ta' Malta u Għawdex, għax dak iż-żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann kienu mexxejja ta' Malta. L-idejali ta' l-Ordni milli jidher għoġbuh ukoll u wara li ġabar provi tan-nobbiltà tiegħu applika biex isir membru ta' l-Ordni. Megħjun mill-Brancacci, l-applikazzjoni tiegħu intlaqgħet u, minħabba l-istudji li kien ġa wettaq fil-Filosofija u t-Teoloġija, iddaħħal fratell fil-grad ta' kappillan konventwali.



*Monument ta' Tifkira fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni*

Kellu ma l-erbgħa u għoxrin sena u, kif kienet titlob il-kategorija ta' l-Ordni li fiha ddaħħal, dlonk beda l-preparazzjonijiet meħtieġa ħalli jirċievi l-ordnijiet sagri. Irċieva l-Ordnijiet Maġġuri tas-Suddjakonat u tad-Djakonat nhar l-4 u nhar it-18 ta' Frar, 1657. Ġimgħa wara sewwa, nhar l-24 ta' Frar, 1657, Monsinjur Onofriju de Ponte, Isqof ta' Lettere, djoċesi fl-Italja t'isfel, ordnah saċerdot fil-knisja ta' San Vitale fid-Djoċesi ta' Pozzuoli, qrib Napli.

**L-ewwel darba f'Malta**

Xi żmien wara, l-Prijur Brancaccio sar President f'żewġ provinċji tar-Renju ta' Napli, u Cocco Palmeri qatagħha li jiġi Malta. Fra Davide wasal Malta tul l-1661. Hawn f'qasir żmien sar ħabib tal-Prijur tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann Luca Buenos, Arċisqof Titulari ta' Tessalonika. Fid-9 ta' Diċembru, 1663, miet l-Isqof Balaguer. Jumejn wara, l-Ordni issuġġeriet bħala suċċesur tiegħu lil Buenos, li dlonk telaq lejn Ruma biex mid-dehra jwitti t-triq għall-ħatra tiegħu.

Fost dawk li ha miegħu Ruma kien hemm il-ħabib intimu tiegħu Fra Davide. Imħeġġeġ u megħjun minn Buenos, Davide ħa l-okkażżjoni biex jagħmel xi korsijiet meħtieġa għad-Dottorat fl-Università **La Sapienza** ta' Ruma. Għamel it-test għad-Dottorat quddiem seba' eżaminaturi nhar it-3 ta' Ottubru 1664, Solva l-kwistjonijit maqlugħa bl-unuri u dak inhar stess, il-Viċi-Kanċillier ta' l-Università Loene Verospio idikjarah duttur fil-Liġi Ekkleżjastika u Ċivili.

**Ħidma pastorali**

Wara xi żmien Ruma u f'pajjiż twelidu, Fra Davide rritorna lura f'Malta. Bdiet, nistgħu ngħidu, it-tieni fażi ta' ħajtu. Kontra dak li kien maħsub, intgħażel Direttur Spiritwali u Konfessur tal-Monaċi Ġerosolmitani ta' Sant'Ursla fil-Belt Valletta. Għal ħmistax-il sena, dawn is-sorijiet tal-klawsura, li dak iż-żmien kienu numru kbir, sabu fih missier l-iktar ħanin. Kien igħaddi sigħat twal fil-konfessjunarju jagħti l-pariri u jiggwidahom fuq it-triq tal-perfezzjoni. Mhux biss, ħa wkoll l-inizjativa li jirriformalhom il-Kostituzzjoni u r-Regola.

Il-ħidma tiegħu siekta tal-Monaċi ta' Sant'Ursla ġibdet fuqu l-ammirazzjoni ta' bosta, inkluża dik tal-Gran Mastru Gregorio Carafa, li fl-1680, ftit wara l-ħatra tiegħu bħala Gran Mastru, għażlu bħala Elemoznier. Dlonk beda wkoll jitħabat ħalli jaħtru Isqof ta' Malta. Il-Gran Mastru xtaq li dan iseħħ minnufih u beda jistinka ħalli l-Isqof ta' Malta, Michele de Molina, jiġi trasferit. Wara ħafna taħbit irnexxielu. Nhar il-25 ta' Mejju, 1682, de Molina kien trasferit għad-Djoċesi ta' Lerida, Spanja. U l-Gran Mastru dlonk issuġġerixxa lil Fra Davide bħala l-Isqof il-ġdid.

Kontra dak kollu li kien mistenni, Fra Davide ma riedx jaċċetta mill-ewwel. Skond hu, id-dħul ta' l-Isqof ta' Malta kien intaxxat b'mod inġust. Fil-fatt hekk kien, iżda fl-aħħar aċċetta.

**Isqof ta' Malta u Għawdex (1784-1711)**

Nhar it-13 ta' Mejju, 1684, fit-tmiem tal-proċess dwaru, Fra Davide għamel l-istqarrija tal-fidi, skond il-forma tal-Konċilju Tridentin. Jumejn wara, nhar il-15 ta' Mejju, il-Papa Innocenz XI ħatru Isqof ta' Malta u Għawdex.

Lura Malta, l-Isqof Davide Cocco Palmeri dlonk beda jwettaq programm ta' ħidma pastorali mill-aqwa. Lil Għawdex ma nsiehx. U nhar l-20 ta' April, 1687, beda Viżta Pastorali fil-gżira. Tul iż-żjara tiegħu ittenda bil-ħtieġa ta' iktar parroċċi u nhar it-28 ta' April, 1688, hu waqqaf erba' parroċċi ġodda. Il-knisja tant magħrufa u devota ta' **Santa Marija tal-Qala** kienet waħda minn dawk magħżula bħala parroċċa u għal diversi snin serviet il-lvant kollu ta' Għawdex.

Davide Cocco Palmeri dam imexxi d-Djoċesi għal 27 sena. Miet fl-għomor ta' 79 sena nhar id-19 ta' Settembru, 1711. L-Għawdxin kienu tilfu l-Isqof li ħabbhom.

BEAVER

● Żraben ta' kwalità!
● Żraben bi prezz moderat!
● Żraben għal kulħadd!

BEAVER

Pjazza San Ġorġ, Victoria - Għawdex